MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 2276/1998/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 796/98 NA fl-ismijiet: Carmel Camilleri, Alison Degabriele, u Anthony Degabriele Woodworks**

**Vs**

**Adrian Axisa**

**Il-Qorti.**

Rat ir-**rikors ta' Adrian Axisa** li bih ippremetta:

Illi fid-9 ta' Marzu, 1998, ir-rikorrenti talbu u ottjenew il-hrug tal-Mandat ta' qbid numru 796/98 NA fl-ismijiet fuq premessi;

Illi l-Mandat ta' Qbid numru 796/98 NA hareg in kawtela tal-kreditu ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000) allegat mir-rikorrenti bhala rizultanti minn *overpayment* mhux

miftiehem fuq bejgh ta' apparat ta' *gymnasium* li l-esponenti xtara u importa mill-Italja;

Illi preliminarjament ma kien hemm ebda prezz miftiehem bejn il-kontendenti u ghalhekk is-somma pretiza mir-rikorrenti hija *prima facie* m'hux dovuta;

Illi f'dan il-kuntest il-prezz imhallas mir-rikorrenti ghall-apparat in kwistjoni jirrifletti l-prezz imhallas mill-esponenti flimkien ma spejjez inkorsi minnu, principalment *freight charges*, sabiex jimporta l-istess apparat u dan kif jirrizulta mill-*invoices* mibghuta mill-esponenti li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. "A" u l-*invoice* mibghuta lilu li qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. "B";

Illi bla hsara ghall-ahhar zewg premessi ta' qabel dan, jekk hemm xi diskrepanza bejn il-prezz imhallas mill-esponenti u dak imhallas mir-rikorrenti, din tirrifletti marginu ta' profitt minimu u ghaldaqstant is-somma pretiza mir-rikorrenti hija eccessiv;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka l-Mandat ta' qbid numru 796/98 NA fl-ismijiet fuq premessi in forza ta' l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta), u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

**Rat ir-risposta tal-atturi a fol. 10;**

Illi l-esponenti rcevew rikors sabiex jitnehha mandat ta' sekwestru numru 797/98 NA principalment minhabba l-fatt li l-allegat "*overpayment*" m'huwiex fondat;

Illi sabiex il-fatti jitpoggew fil-perspettiv korrett taghhom l-esponenti kienu gabu kwotazzjoni mill-istess ditta gewwa l-Ingilterra liema prezzijiet huma ferm baxxi mill-prezzijiet kwotati mill-intimat;

Illi l-esponenti meta ghamlu din ir-rikjesta ghamluha bhala konsumatur ordinarja u mhux bhala agent u ghalhekk zgur

li l-prezzijiet kienu aktar gholjien minn dawk kwotati mill-intimat peress li kien l-agent ta' dawn il-magni gewwa Malta u aktar u aktar ghall-fatt illi dawn il-magni huma maghmula fl-Italja bil-konsegwenza illi jekk jinxtraw mill-Italja huma ferm orhos mill-Ingilterra u dan apparti l-fatt illi l-partijiet ftehmu illi l-intimat ma kellux jaghmel ebda qliegh peress li kellhom kumpanija nofs bin-nofs;

Illi tul it-tlett snin li l-partijiet damu jahdmu flimkien l-intimat ma hareg xejn flus u bbenefika mill-qerq li ghamel ghas-spejjez tal-esponenti;

Illi hija respinta l-allegazzjoni illi hemm bizzejjed garanzija kif kawtelat mill-mandat ta' qbid;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirrispingi t-talbiet u tichad ir-rikors odjern.

Rat l-atti tal-kawza 576/98 deciza llum;

Peress illi minn dina l-kawza jirrizulta li t-tabiet attrici (ta' l-intimati f'dana r-rikors) ma gewx milqugha, l-Qorti tiddeciedi li m'hemmx lok li l-mandat imsemmi jibqa' in vigore u ghalhekk ghandu jigi revokat.

**DECIZONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tirrevoka l-Mandat ta' qbid numru 796/98 NA fl-ismijiet fuq premessi in forza ta' l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta).
Spejjez ghall intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------